Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 477/2017

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

Vs

Rita Zammit

Illum 21 ta' Mejju, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Rita Zammit detentrici tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 308774M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fit-18 ta' Dicembru 2016 ghall-habta ta' 12:40hrs go Sqaq Cordina u go toroq ohra gewwa Bormla:

1. F'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kienet fis-sakra b'mod li ma kinitx tista' tiehu hsieb taghha nnifisha u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ff) tal-Kap 9;
2. Volontarjament qalet kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb), 342 tal-Kap 9;

3. Volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9;

4. Ingurjat jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` diversi pulizija mill-Ghassa ta' Bormla, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza' jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-eskuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kap 9;

5. Bi hsieb li tkisser jew li thassar il-gieh tal-ufficjal tal-Pulizija, weggghethom bi kliem, gesti, kitba jew b'disinji jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252 (1) tal-Kap 9;

6. Hebbet ghal WPC 366 J. Degiorgio u kkagunatilha offiza ta' natura hafifa skont kif iccertifikat minn Dr. Clive Gauci MD. 3485 tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kap 9;

7. Naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha minn diversi ufficjali tal-Pulizija, ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallietx jew fixklet jew indahlet lill-imsemmija ufficjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9;

8. Ghamlet reat iehor wara li kienet giet ikkundannata ghal reat, b'sentenza datata 27 ta' Gunju 2013 mahruga mill-Magistrat Dr. I. Farrugia LL.D liema sentenza saret definittiva, b'hekk gabet ruhha recidiva u dan bi ksur tal-Artikolu 49, 50 tal-Kap 9;

9. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew hebbet ghal WPC 366 J. Degiorgio, b'xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra din il-persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-eskuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a) tal-Kap 9.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuni offizi jew individwi ohra skont it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Novembru 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 96 (a), 221 (1), 252 (1), 338 (bb), 338 (ee), 338 (dd), 338 (ff), 342, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputata Rita Zammit hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u kkundannatha tnax-il (12) xahar prigunerija u multa ta' hamest elef ewro (€5000).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Rita Zammit, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Novembru 2017, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka jew tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Novembru 2017 billi tilliberaha minn kull htija u piena ai termini tal-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Rita Zammit huwa s-segwenti u cioè:-

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti umilment tissottometti li l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu Disgha tal-Ligjiet ta' Malta ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern. Dan qed jigi sottomess in vista tas-sentenza citata u invokata mill-prosekuzzjoni dik datata 27 ta' Gunju 2013. Fl-imsemmija l-esponenti kienet giet ikkundannata ghal ordni ta' probation li kellha effett ghal sentejn u cioe' sal-2015. Dak il-perjodu ghadda u ma kienx hemm infrazzjonijiet tal-ligi mill-esponenti u konsegwetement ma kinitx wahda applikabbli ghall-kaz odjern. Dan apprti millfatt li mill-atti stess l-imsemmi artikolu 50 ma huwiex rilevanti konsiderando li l-piena nflitta ma kinitx ta' hames snin prigunerija.

2. Illi fit-tieni lok l-esponenti umilment tissottometti li anqas ma kellha tinstab hatja tal-artikoli 95 u 96 tral-Kodici Kriminali Kapitolu Disgha tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jinghad ghax kif inghad fuq l-istess mill-Qorti tal-Appelli Kriminali b'sentenza datata fil-11 ta' Frar 2013 fil-kaz Il-Pulizija vs Mario Camilleri. Hemm l-imsemmija Qorti stabbiliet l-interpretazzjoni l-iktar awtoritativa u perswaziva ta' dawn l-artikoli billi rriferiet ghal zewg sentenzi precedent taghha stess diversament preseduta. F'dik is-sentenza nghad l-ewwel is-segwenti:

"Dwar l-elementi tad-delitt ta' oltragg ikkontemplat fl-artikolu 95, din il-Qorti diversament preseduta [Il-Pulizija vs Joseph Fenech deciza fil-25 ta' Frar 1999 (LXXXIII, Vol IV, pag 236)] qalet hekk:

'L-elementi tad-delitt ta' oltragg ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali huwa s-segwenti: 1. Li l-kliem allegatament ingurjuz ikun inghad lil wiehed li ghandu kwalifiki ta' ufficjal pubbliku; 2. Li l-kliem allegatament ingurjuz ikun inghad fil-prezenza tal-ufficjal in kwistjoni; 3. Li l-kliem allegatament ingurjuz ikun inghad "officio durante nel contemplationem officii"; 4. Li l-kliem allegatament ingurjuz filfatt fih innifsu jkun kliem ingurjuz; 5. Li jkun hemm l-element intenzjonali li wiehed joffendi ufficjal pubbliku."

U sussegwentement: "Dwar l-element tal-artikolu 96 il-Qorti tal-Appell Kriminali [Il-Pulizija vs Stephen Borg deciza fis-26 ta' Jannar 1999 (LXXXIII, Part IV, pag 165)] qalet hekk:

Sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali jrid ikun hemm fost affarijiet ohra, u bhala minimu, xi forma ta' forza llegittima diretta lejn il-persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza tigi ezercitata trid tkun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalità li jikkaguna xi hsara lill-persuna tal-ufficjal pubbliku, zghir kemm hi zghira din il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-konkret ebda hsara ma tigi kkagunata u anke l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li

jikkaguna tali hsara. Hekk, perezempju, ikun il-kaz ta' min sempliciment jimbotta b'mod goff jew ostili lill-ufficjal pubbliku li jkun intimalu li ser jarrestah, jew ta' min jibda jithabat meta jkun f'idejn l-ufficjal pubbliku, proprju biex jehles minn idejh. Biex ikun hemm dan ir-reat l-agent irid mhux biss attakka (il fatto di prendere l'offensiva) jew irrezista (il fatto di prendere la difensiva) lill-ufficjal pubbliku, izda li tali attakk jew rezistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew hebb (vie di fatto). Mhux bizzejjed ghalhekk attack bil-kliem anke jekk dak il-kliem ikun iebes, ingurjuz jew minatorju (tali kliem jista' naturalment jammonta ghar-reat kontemplat fl-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali). Anqas ma hi bizzejjed ghall-finijiet tal-artikolu 96 is-semplici rezistenza passiva (ez. li wiehed ma jiftahx il-bieb jew jintelaq mal-art) jew l-uzu ta' forza jew vjolenza applikata fuq, jew fil-konfront ta' oggett b'mod pero', li dik il-forza ma tkunx tista' direttament jew indirettament, tikkaguna xi hsara lill-ufficjal pubbliku (ez. wiehed jaghti bil-ponn fuq vettura biex ibezza' lill-ufficjal pubbliku, ghalkemm f'dan il-kaz jista' jikkonfigura reat iehor).

Differenti hu l-kaz ta' min biex jirrezisti arrest, iwaddab xi oggetti fil-konfront ta' ufficjal pubbliku ghax f'dan il-kaz, ghalkemm ma jkunx hemm kuntatt fiziku bejn l-agent u l-ufficjal pubbliku, ikun hemm forza legittima li tkun qed tigi diretta lejn persuna u permezz ta' att li ghandu l-potenzjalita' li jikkaguna hsara lill-persuna."

Din hija l-linja u l-gwida li stabbiliet l-Qorti tal-Appell ghall-konsiderazzjoni u diskrezzjoni ta' din il-Qorti fit-termini tal-ligi nostrali konsiderando dejjem li ghalkemm ma nappartjenux ghad-dottrina anglo-sassona ta' "stare decisis" xorta tali decizjoni fiha forza perswaziva u ta' awtorità fuqna li ahna ghas-servizz tal-gustizzja u l-ligi. U proprju fuq dan qieghed jigi umilment sottomess li l-agir fi stat ta' sokor li kienet fih ma jinkwadrax ruhu la f'artikolu u anqas tant l-iehor.

3. Illi fit-tielet lok l-esponenti umilment tissottometti li anqas ma huwa applikabbli s-sub-artikolu wiehed (1) tal-artikolu 221 stante li san jirrigwarda ferita ta' natura hafifa u fil-kaz in kwistjoni rrizulta mix-xhieda u mic-certifikat prodott li kien iktar kaz ta'

attentat milli kagunar attwali ta' ferita. Mhux biss irid jinghad li l-massimu f'kull kaz huwa ta' tliet xhur prigunerija mhux iktar.

4. Illi fir-raba' lok l-esponenti tissottometti ulterjorment li l-artikolu 232(1) ma huwiex hawn applikabbli ghax irid jirrizulta li kien hemm ingurja li kienet intenzjonata li zgur ma kienx il-kaz odjern.

5. Illi fil-hames lok ghar-rigward l-artikoli 338 (ee) u 338 (ff) dawn jidher li rrizultaw pero' l-esponenti tilmenta l-ewwel li ma nghatatx il-piena konsonanti ma' dawn l-kontravenzjonijiet u dato non concesso li hija kif giet misjuba hatja ta' delitti iktar gravi dawn kellhom jigu komprizi u nvoluti li baqghu ma gewx.

6. Illi fis-sitt lok ghar-rigward l-artikolu 342 l-esponenti umilment tissottometti li dan ir-reat ma jinkwadrax billi jirreferi ghall-artikolu 338(bb) li l-esponenti ma gietx akkuzata bih.

7. Illi fis-seba' lok l-esponenti umilment tissottometti li dato non concesso li hija kellha tinstab hatja that l-artikoli hawn imsemmija l-piena inflitta fuqha hija qawwija hafna. L-esponenti ghandha problema li ilha tikkumbatti marbuta max-xorb u stante dan il-vulnerabilità taghha ta' vittma passiva. Forsi ordni ta' trattament kien ikun iktar konsonanti.

Semghet lill-partijiet jittrattaaw u dan fis-seduta tal-25 ta' April 2019.

Rat il-verbal tal-24 ta' Lulju 2017 (fol. 37) fejn hemm indikat li gew esebit numru ta' affiavits rilaxxjati minn diversi ufficcjali tal-pulizija.

Rat ix-xhieda ta' **PS 1122 Arthur Rizzo** moghtija permezz tal-procedura tal-affidavit mahluf nhar it-18 ta' Frar, 2017 fejn dan ikkonferma li nhar it-18 ta' Dicembru, 2016 waqt li huwa kien xoghol l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla ghall-habta ta' 12.40p.m. marret l-ghassa Carmelo Dalli fejn qaltilhom li kien hemm mara gewwa l-hanut New Life Bar li jinsab go sqaq Cordina f'Bormla u din kienet qed tinza l-hwejjeg. Huwa ta'

struzzjoni lil WPC 366 J. Degiorgio u lil PC 2 Ellul u PC 1081 J. Farrugia sabiex imorru jaraw x'kien qed jigri.

Huma irritornaw ftit minuti wara fejn infurmawk li dik il-mara imsemmija kienet Rita Zammit u sabuha bilqieghda ma kienet qed taghmel xejn hazin dak il-hin pero' kien hemm 'bra' fuq il-mejda' pero' Zammit cahdet li kien taghha. Hemmhekk Carmelo Dalli u ibnu Charlston Cassar li jiehdu hsieb il-hanut qalilhom li ma riedux li Zammit tkun hemm ghalhekk l-ufficcjali tal-pulizija qalulha biex tohrog 'l barra pero' ghalkemm gergret harget u huma gew lura l-ghassa.

Ftit tal-minuti wara dan rega' mar l-ghassa Carmelo Dalli u talab lill-pulizija jerghu jmorru ghax Zammit kienet regghet marret u kienet fis-sakra ghax bdiet tidhol wara l-bank tal-hanut u ssabbat il-flixken u tinsulenta lin-nies. Dak il-hin WC 366 Degiorgio, PC 381 Burdieri, PC 540 Fava, PC 1081 J Farrugia marru fuq il-post fuq struzzjonijiet tieghu.

Huma sabu lil Zammit fl-art u bdiet tghajjat kemm tiflah u tidghi. Qabdet tinsulenta lill pulizija li qajmuha mill-art u harguha mill-hanut. Kienet xurbana u lanqas biss kienet tiflah izzomm lilha innifisha bil-wieqfa. Hija qbadet tidghi u tghajjat u toffendi lill-pulizija u ghalkemm ordnawlha sabiex iggib ruha sew hija ma obdietx u kienet aggressiva ghalhekk kellhom jarrestawha. Hija irresistiet l-arrest u kellhom izommuha hemm minn idha kif ukoll minn sieqha u tpoggiet gol-vettura tas-servizz sabiex ingabet l-ghassa. Zammit fil-karozza giet iktar aggressiva u bdiet taghti bis-sieq u laqtet lil WPC 366 J. Degiorgio fiversi drabli u ppruvat tigdem lll-imsemmija WPC J. Degiorgio.

Biex dahlu lil Zammit go l-ghassa, il-kollegi tieghu kellhom igorruha u kif ra li kienet aggressiva immanetjaha sabeix ikunu jistghu izommuha taht kontroll. Hi baqghet tidghi u toffendi u bdiet tuza kliem '*Haqq ghal Madonna, X'ala Zobbi, foxx il-qabar tal-familja taghhom, oxx Alla taghom, ja liba, busuli oxxi, zibel, hmeg l-intkom*" u hafna kliem iehor simili pero' qalet ukoll "*kolla nghallikom, issa naghmel certifikat li qed issawtuni u kollha npattihilkom ja liba li intom.*"

Huwa pprova ikellimha pero' infexxet toffendih u tefghet zarbuna lejh pero' ma laqtitux. Damu jipprovaw jikkalmawha ghal kwazi nofs siegha pero' minghajr success. Huwa informa lill Ispettur Chetcuti sabiex jingieb l-ghassa tabib biex jezamina lil Zammit. Fil-fatt mar l-ghassa ghal habta tas-2.00p.m Dr Mark Aquilina u kkonferma li ma kellha l-ebda sinjali ta' vjolenza u l-ebda griehi. Waqt dan l-esami mediku huwa halla lil WPC 399 W Falzon Degiorgio peress li Zammit kient ghada tirvilla minn hin ghall-iehor. Sadanitant WPC 366 Degiorgio marret ghal-vista medika fic-Centru ta' Sahha ta' Rahal Gdid fejn kienet iccertifikata minn Dr. Gauci li kienet qed issofri minn griehi hfief salv kumplikazzjonijiet. Waqt li Dr. Aquilina beda jinvista lil Zammit din bdeit tghajjat *"iva oqtluni, gbajt nghix, irrid immut, itfawni isfel x'imkien."*

Dr. Mark Aquilina invista lil Zammit fit-tul fejn ikkonkluda li ghalkemm qalet diversi kliem hi ma kellha l-ebda intent li tikkometti suwicidiju pero' kkonferma li kienet aggressiva u intossikata bl-alkohol u ma kellhiex bzonn rikoveru l-isptar izda biex tistrieh. Huwa infurma b'dan kollu lill-Ispettur Chetcuti li tat sturzzjoni lil Zammit biex tinghata 'police bail' u tintbaghat id-dar.

Fil-fatt hekk sar u in segwitu Zammit attendiet puntwalment ghall-appuntament li kienu tawha u wara li inghatat id-drittijeit taghha Zammit ammetiet li zbaljat u li kien jiddisjaciha u riedet tiskuza ruha. Infurmaha li dan kien li kien ser jispicca l-Qorti u li kienu ser jinahrgu l-akkuzai relattivi. Qal ukoll li minn esami tal-fedina penali taghha irrizultalu li Zammit hija recidiva b'sentenza li ingahtat mill-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Gunju, 2013.

WPC 366 J. Degiorgio xehdet b'affiavit li gie eebit fl-atti u kkonfemrat li fit-18 ta' Dicembru, 2016 hija kienet xoghol gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla meta ghall-habta ta' 12.40pm mar jirraporta Carmelo Dalli li kien hemm mara qed tinza l-hwejjeg fl-istabbiliment tieghu bl-isem New Life Bar fi Sqaq Cordina, Bormla.

Hija marret fuq l-post flimkien ma ufficcjali ohra u Dalli indika li l-persuna kienet Rita Zammit li dak il-hin kient liebsa ghalkemm fuq il-mejda kien hemm 'bra'. Pero' meta

din giet mistoqsija minnha jekk il'bra' kienx taghha qalet li ma kienx taghha. Hija tatha ordni biex tohrog mill-hanut ghaliex kemm Carmelo Dalli kif ukoll Charlston Cassar li imexxu l-hanut qalulha li ma rieduhiex hemm. Zammit bdeit tgerger izda harget u tatha istruzzjoni sabeix tmur ljen id-dar.

Hija flimkien mal-kollegi taghha irritornaw lura l-ghassa ta' Bormla meta ftit minuti wara rega' rrikorra l-ghassa Carmelo Dalli fejn rega' talab l-assitenza taghhom u stqarr li Zammit regghet marret lura fil-hanut izda din id-darba kient qed tghajjat kemm tiflah, tilghab bil-flixken li hemm wara l-bar u tghajjar u tinsulenta lin-nies. Hija flimkien ma ufficcjlai ohra irrikorrew fl-istess hanut fejn hemmhekk sabu lil Rita Zammit mixhuta ma l-art tghajjat u b'riha ta' xorb qawwija. Zammit kient arroganti hafna miaghha u mal-kollegi taghha waqt li kienu qed jassistuha biex tqum minn ma l-art u sakemm harguha mill-hanut qabdet tghajjarhom.

Zammit kien xurbana hafna u ma felhitx izzomm lilha innifisha bil wieqfa u ghalhekk gabulha siggu sabiex toqghod bil-qeda. Zammit bdiet tghajjar kemm tiflah u todendiha kif ukoll lill-kollegi tgahha bil-kliem *"f'oxx kemm ghandkom, Ja liba, Ja zibel, f'oxx il qabar tl-familja taghkom, busli oxxi, x'ghala zobbi"* fost kliem ohra. Hija flimkein mal-kollegi taghha tawha ordni biex tieqaf minnufih b'dak id-diskors oxen li bdiet tghid u sabiex iggib ruha sew izda din ppruvat thebb ghalihom u ghalhek kellhom jarrestawha. Zammit irrezistiet l-arrest u ghalhekk flimkien mal-kollegi taghha zammewha ghaliex kienet ser tkun ta' perikolu kemm ghaliha kien ukoll ghalihom bdiet taghti kemm tiflah bis-sieq u b'idejha.

Hija flimkien mal-kollegi taghha poggew lil Zammit gewwa l-karozza tas-servizz fejn hija intefghet bil-qieghda ma genbha biex tikkontrolla l-moviment taghha izda din giet iktar aggressiva u bdiet ittihom bis-sieq u laqtithu, sahansitra ppruvat tigdmu kemm il-darba.

Malli waslu l-ghassa ta' Bormla huwa pprova jghin lil Zammit sabiex tohrog mill-karozza tas servizz izda din kompliet ittih kemm tiflah b'saqajha u anke regghet

ppruvat tigdimha ixda din kompliet ittiha kemm tiflah b'saqajha u anke regghet pprvuat tigdimha. Zammit qabzet minn gol-karozza tas-sevizz ghal ma l-art u ghaldaqstant meta rat hekk flimkien mal-kollegi taghha refawha minn ma l-art. Malli dahlu l-ghassa poggew lil Zammit fuq siggu izda din regghet intefghet ma l-art minn jeddha u kompliet tinsulenta lill-pulizija bil- kliem "*f'oxx kemm ghandkom, ja liba, ja hmieg li intom. Kollha nghallikom. Jien x'ghala zobbi, issa naghmel certifikat li qed issawtuni u kollh ainpattijilkom, j aliba li intom.*"

Hija marret ghal vista gewwa c-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u Dr. Clive Gauci iccertifkaha li kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet u dan ic-certifikat jinsab esebit fl-atti a fol. 3.

**PC 1081 J Farrugia** ikkonferma dak kollu li xehdet dwaru WPC366 Josette Degiorgio u kkonferra li kien maghha flimkien ma PC 831 u PC 540. Ikkonferma ukol dak li qal PS 1122 li Zammit infexxet toffendih u tefghet zarbuna lejh pero' ma laqtitux. Damu jipprovaw jikkalmawha ghal kwazi nofs siegha izda ma irnexxielhomx.

**PC 2 G Ellul** ikkonferma li kien mar flimkien ma WPC 366 u PC 2018 fil-hanut New Life Bar fuq rikjesta li saret lilhom minn Camrelo Dalli u hemmhekk kien hemm Rita Zammit. Qal li ma kienet qed taghmel xejn dak il-hin u meta talabha jekk il'bra' li kien ta' kulur roza fuq il-mejda kienx taghha wiegbet fin-negattiv. Huma talbuha biex tohrog mill-hanut u tmur lejn id-dar u harget. Ikkonferma li Dalli rega' mar l-ghassa wara xi hin u infurmhom li Zammit regghet dahlet fil-hanaut u kienet qed issabat xi flixken wara l-bar u tinsulenta lin-nies. Huwa jghid li ma regax mar fil-hanut izda ufficcjali ohra fosthom PC 81, PC 540, PC 1081 u WPC 366 Degiogio.

Jispjega li wara l-ufficcjali tal-pulizija regghu marru l-ghassa u gabu maghhom lil Rita Zammit li kient qed toffendi lill-pulizija kollha u tidghi u irrepeta il-kliem li qalu l-ufficcjali l-ohra fir-rigward taghha. Ikkonferma ukoll li bdiet toffendi lis-surgent PS 1122 u li tefghet zarbuna fid-direzzjoni tieghu pero' ma laqtitux. Jghid li fis-2.00p.m Rita

Zammti giet iccertifikata minn Dr. Mark Aquilina li kkonferma li ma kellha l-ebda sinjali ta' vjolenza u l-ebda griehi fuq il-persuna taghha.

PC 831 Bordieri ikkonferma dak kollu li qalet WPC 336 Degiorgio stqar li kien maghha il-hin kollu. Jghid li Rita Zammit bdiet tintelaq u kellhom igorruha mill-hanut ghal gol karozza beix johduha l-ghassa. Ikkonferma li bdeit toffendihom, tghajjarhom u theddidhom li ser tpattihielhom. Qal li Zammit bdeit toffendi ukoll il PS 1122 u anke ipprovat tgaralu zarbun izda ma laqtitux. Ikkonferma li kien hu li akkumpanja lil WPC 366 Degiorgio gewwa c-centru tas-sahha Rahal Gdid u stqarr li hemmhekk giet iccertfikata li kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa.

**WPC 339 Falzon** stqarret fl-affidavit taghha li hija kient xoghol nhar it-18 ta' Dicembru, 2016 l-ghassa tal-pulizija, Bormla u appena dahlet xoghol ghall-habta ta' 12.50 waslu WPV 366, PC 381, PC 540 PC 1081 flimkien ma' Rita Zammit. Qalet li sabeix il-pulizija dahlu lil Zammit l-ghassa kellhom igorruha ghax bdiet tintelaq u taghti bis-sieq. Hija flimkien ma WPC 339 marru jassistuhom flimkien ma PS 1122 u dan sabiex tigi immanettjata ghaliex kienet aggressiva hafna. Bdiet tghajjarhom toffendihom u titkellem hazin u sahansita anke theddidhomli ser tpattihilhom. Ikkonfermat li meta is-surgent PS 1122 ipprova jitkellem maghha din infexxet tghajjat u qabdet zarbuna u tefghatha fid-direzzjoni tieghu izda ma laqtitux. Bdiet tghajjat li kienet ser taghmel certifikat u tghid li l-pulizija sawtuha. L-ghassa ingab Dr Mark Aquilina li ccertfika li Zammit ma kellha l-ebda sinjali ta' vjolenza fuq il-persuna taghha u waqt l-vizita medika Zammit bdiet tghid kliem *"Oqtluni, gbajt nghix, irrid immut itfawni 'l isfel x'imkien,"*. Dr Aquilina kkonkluda li Zammit ma kellha l-ebda intensjoni li tikkometti suwicidju u li ma kellhiex bzonn rikoveru l-isptar izda biss tistrieh. Zammit inghatat police bail.

**PC 540 A Fava** stqarr li kien akkompanja lil diversi ufficcjali ohra fil-bar New Life u hemmhekk ra lil Rita Zammit mixhuta ma l-art. Semghahha toffendi lill-pulizija li kien hemm b'dak kollu li beda' jigi f'halqha. Jghid li bdiet tirrezisti lil Pulizija minkejja li l-pulizija kient qed tipprova tghinha tqum minn mal-art. Hija ma kientix fi stat li tiehu

hsieb lilha innifiha. Jaf li refghawha ghal-gol vettura tas-servizz u haduha l–ghassa tal-pulizija ta' Bormla sabiex tkun f'post sigur u tinghata l-assistenza medika .

Ikkonferma li Rita Zammit bdiet tirresisti li tidhol fil-vettura u baqghet il-hin kollu toffendi lil-pulizija, ixxejjer idejha bl-addocc. Ikkonferma li bdiet tati bis-sieq lil WPC 366 u qabad u saq il-vettura tas-servizz. Ikkonfemra li anke meta kienu l-ghassa Rita Zammit kompliet tghajjarhom u toffendihom minkejja l-isforzi genwini taghhom biex iwaqqfuha.

Rat l-okkorrenza mehuda minn PS 226 Pace esebit fl-atti a fol. 30.

Rat ix-xhieda moghtija mill-appellanti quddiem l-ewwel Qorti nhar it-13 ta' Ottubru, 2017. Mistoqsija tiftakar dak li kien gara dak in-nhar tal-incident addebitat lilha tghid li ma tiftakarx ghaliex kienet fis-sakra pero' qalet li jiddispjaciha ta' dak li gara u tablet skuza. Spjegat in kontro-ezami li kienet fil-bar u spiccat fis-sakra minn jeddha. Stqarret li hadd ma gieghlha tixrob izda ghax riedet hi xorbot.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2018 quddiem din l-istess Qorti fejn l-avukat difensur taghha talab li jigi nominat probation officer sabeix isir pre-sentencing report u l-Qorti laqghet it-talba taghha sabiex isir social inquiry report.

Rat illi fit-28 ta' Marzu 2019 xehdet il-probation officer Marilyn Attard u pprezentat ir-rapport taghha. Minn esami ta' dan ir-rapport jirrizulta li l-probation officer stqarret li minkejja li l-appellanti kient involuta f'dawn it-tipi ta' akkuzi f'incidenti precedenti fejn ukoll kienet fis-sakra hija ma tgharafx li ghandha problema ta' abbuz ta' xorb u li ghalhekk tirrifjuta li tiehu l-ghajnuna mehtiega biex tindirizza dan il-vizzju mishut. Fil-fatt naqset milli taghmel kuntatt mal-Agenzija Sedqa avolja dan gie ordnat lilha minnha. Qalt li l-appellanti ma tiehu inizjttiva ta' xejn lanqas sabiex tirranga il-post fejn tghix hi. Ikkonfermat li l-appellanti tbati ukoll mill-marda tal-Fibromyalgia kif ukoll minn problem ohra relatati ma sahha mentali ghaliex tbati minn ansjeta u mid-dipressjoni. Stqarret li Rita m'ghandhiex familja apparti minn bintha, in-nanniet u ommha huma mejta u m'ghandiex kuntatt mal-kumplament tal-familja u ghalhekk l-

istruttura ta' sapport ta' Rita m'hix soda ghaliex fi kliemha hi wahedha u m'ghandha ghajnuna minghand hadd.

Jidher li anke t-trobbija ta' Rita kienet wahda infelici, hija bint missier mhux mghruf u ommha mietet meta kient ghadha zghira u ghalhekk trabbiet man-nanniet gewwa d-dar b'familja numeruza maghmula miz-zijiet. Rita ma kellhiex relazzjoni tajba maz-zijiet ghalhekk ma l-ewwel opportunita' li kellha telqet mid-dar u marret tghix ghar-rasha. Hbieb m' ghandhiex wisq ghaliex issibha difficli tissocjalizza u meta tohrog tispicca taghmilha ma min ikun hemm u ma min tiltaqa'.

Jidher li Rita ksiret dufrejha mal-ligi ripetutament u m'ghandha l-ebda rimors u b'hekk tonqos milli terfa' r-responsabilita ghal dak li twettaq. Minbarra dan tinsisti li m'ghandhiex bzonn l-ghajnuna biex tieqaf tabbuza mil-alkohol. Qalet ukoll li fil-bidu tal-kompilar ta' dan ir-rapport Rita kient issibha difficli tattendi ghal-laqghat li kienu jigu fissati ghaliha u kien hemm drabi meta sahansitra anke naqset milli tghid il-verita' lilha.

Dwar il-pjan tal-kura idoneja l-ufficcjal tal-probation tghid li l-appellanti tonqos milli terfa' r- responsabilita u turi motivazzjoni sabiex tindirizza il-problemi li ghandha, u li tinsab f'riskju gholi li terga twettaq reat simili fil-futur. F'dawn ic-cirkostanzi x-xoghol tal-Probation huwa wiehed ferm limitat sa fejn tista' tasal hlief biex taghti support biex jigu indirizzati problemi fuq livell socjali li fil-verita' dawn jistghu jigu indirizzati minn haddiema socjali ukoll.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-25 ta' April 2019.

Ikkunsidrat,

Illi fir-rikors tal-appell, l-appellanti titlob revoka, thassir jew riforma tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ghar-ragunijiet imsemmija fl-aggravji taghha.

Illi fl-ewwel aggravju l-appellanti tghid li ma kellhiex tinsab hatja tat-tmein akkuza u cioe' dik ta' recidiva u dan ghaliex fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Gunju, 2013 hija inghatat ordni ta' probation li kellha effett ta' sentejn u cioe sal 2015.

Recidiva fil-fatt hija cirkostanza merament personali u ma ghandha ebda referenza ghal-kontenut objettiv la tar-reat precedenti [kif donnha sostniet id-Difiza] u lanqas tar-reat attwali [kif fissret il-Prosekuzzjoni].

L-andament fil-piena ghandu rapport biss mal-personalita' tal-hati u jgib r-raguni tieghu fil-persistenza tal-hati fid-delinkwenza.

Fil-fatt r-recidiva hija akkuza u reat per se li trid tigi provata independentement minn kul reat iehor, huwa reat separat u distint minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva.

Iz-zieda fil-piena ghal-fatt il-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li tirreferi ghal-persuna, w ir-recidiv ma jista' jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet kkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, u taghmel reat iehor. Ghal kull reat w akkuza ohra, l-akkuza tar-recidiva hija limitata biz-zmien, u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9. Issa fil-kaz in desamina u minn esami tal-atti ma jirrizutax li l-prosekuzzjoni esebiet xi sentenza fejn in effetti l-appellanti kient insabet hatja ghamlet biss allegazzjoni fit-tmien akkzua pero' imkien ma ssostanzjat l-akkuza taghha. Din il-Qorti esamiant l-atti b'mod akkruat u dan sabeix tara jekk in effetti d-difiza ezentata lill-prosekuzzjoni f'xi hin milli tressaq xi provi dar ir-recidiva izda dan ma jirrizutlax li kien il-kaz u ghalhekk kien jispetta lill-istess prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha biex tissostanzja l-akkuzi taghha. F'dan ir-rigward u limtiatament ai fini ta' din l-akkuza zgur li l-prosekuzzjoni naqset li taghmel dan. Din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tiddiskuti jekk in effetti Ordni ta' Probation ghandhiex titqies bhala kundanna u ghalhekk tiswa bhala sentenza meta tigi biex tiddikajrata pesuna akkzuata bhala recidiv. Illi ghalhekk in vista' ta' dan ir-ragunament din il-Qorti qed tilqa' l-

aggravju tal-appellant li ma kellhiex tinstab hatja tal-akkzua ta' recidiva izda ghar-raguni differenti minn dak sollevat minnha fir-rikors tal-appell taghha.

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason James Agius</u>**[1], fejn l-appellant f'dik il-kawza kien qieghed jikkontendi li ma kienitx saret il-prova tar-recidiva, gie ritenut hekk:

"*Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ….*"

U fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Zahra</u>**[2], intqal:

"*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.*"

Konsegwentment dan l-aggravju tal-appellant qed jigi milqugh.

L-appellant issostni li ma kellhiex ghalfejn tinsab hatja lanqas tar-raba' akkuza u cioe' dak ta' oltragg kif dispost fl-artikolu 95 tal-kodici kriminali u tad-disgha akkuza u cioe' ta' hebb u resistenza lejn ufficcjal pubbliku kif dispost fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali

[1] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001
[2] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-24 ta' Frar 2003

u ghamel refenza ghas-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fir-rigward ta' l-akkuza ta' oltragg semma is- sentenza fl-ismijiet **<u>il Pulizija vs Joseph Fenech</u>**[3] filwaqt li fil-konfront tal-akkuza ta' resistenza lejn ufficcjal pubbliku semma is-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Stephen Borg</u>**[4]

Fir-rigward tal-akkuza ta' oltragg kif kontemplat fl-artikolu 95 jinghad is-segwenti.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi lufficjalpubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita.

L-awturi **Cheveau et Helie**, li jsemmi l-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motive che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

---

[3] Deciza fil-25 ta' Frar, 1999 ( LXXXIII. Vol IV. PAg 236)'

[4] Deciza fis-26 ta' jannar, 1999 ( LXXXIII, Part IV, Pag 165).

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

"**This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person**."

Sahansitra f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg**[5] jinghad:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato*."

Illi fil-kaz in desamina jidher li l-appellanti kient fi stat ta' sakra wara li marret tixrob f'xi bar Bormla u kellha xi tghid ma diversi ufficcjli tal-Pulizija li marru jghinuha. Jirrizulta u dan mhux kontestat jew michud minnha lanqas meta hi stess hadet il-pedana tax-xhieda (ghaliex qalet li l-incident ma tiftakrux pero' titlob mahrfa) li qalet kliem ta' ingurji, ta' offiza u ta' theddid lil divesi membri tal-pulizija li kienu bl-uniformi qed jesegwixxu is-servizz taghhom. Jirizulta li fil-fatt qalet kliem ingurjuz fil-konfront ta' PS 1122, WP 3366, PC 1081, PC 540, PC 2 . PC 831 u WPC 339 u dan meta huma kollha kienu qedin jaghmlu is-servizz taghhom ta' ufficcjali pubblici. Il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tirrepeti l-lingwagg li gja gie rapportat aktar 'l fuq pero' zgur il in se huwa kliem denunzjanti u ingurjuzi.

[5] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917

Dan ir-reat ghalhekk huwa ben provat kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

Dwar ir reat ta' hebb u reistenza fuq ufficcjal pubbliku kif kontemplat fl-artikolu 96 l-appellant jemmen li din il-Qorit ma tistax issib htija u dan ghaliex l-agir tal-appellanti kien qiehed passiv pero' fl-istess sentenza citata minnu fl-ismijiet **il-Pulizija vs Stephen Borg** jinghd li min jrrezisti arrest iwaddab xi oggett fil-konfront ta' ufficjal pubbliku ghandu jinstab hati ta' dan ir-reat u dan ghaliex mikejja li ma jkunx hemm kuntatt fiziku bejn l-agent u l-ufficcjal pubbliku ikun hemm forza illegittima li tkun qed tigi direttta lejn persuna ufficcjal pubbliku u dan l-att ghandu l-potenzjalita' li jikkaguna hsara lill-persuna.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijeit "**Il-Pulizija vs Lawrence Attard**[6]" deciz minn din il-Qorti divesament preseduta fejn kien inghad li :

"*biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attack jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni talligi*"

Inoltre, fil-kaz "**Il-Pulizija vs Joseph Zahra**[7]", deciz minn din il-Qorti divesament preseduta intqal li :

[6] deciz mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996

[7] Deciz nhar id-9 ta' Settembru 2002 mill- Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano

Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "*persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku*" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "*tkun qed tagixxi ghallezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti*".

Skont il-**Carrara**[8], jirrizulta car li dan ir-reat ta' "*resistenza*" – (li huwa jippreferi jsejjah minflok "*ribellione*" u dan fuq it-taghlim tal-Carmignani) li hija fil-bazi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-ufficjali ezercenti awtorita pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jigu riflessi l-ezercizju tal-azzjoni pozittiva ta' kommissjoni li turi "*l'antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi*" u cioe l-vires privat ma dak pubbliku. Illi fil-kaz taht skrutinju jirrizulta li Rita Zammit kient qed tirresisti l-arrest tant li intefghet ma l-art u kellha tigi mghejuna biex tidhol fil-karozza tas-servizz, bdiet taghti bis-sieq tant li laqtet lill-WPS 336 kif anke ikkonferma PC 540 Fava. Mhux hekk biss izid meta intervjena is-surgent PS 1122 gewwa l-ghassa l-appellanti irribellat tant li tefghet zarbuna fid-direzzjoni tieghu li fortunatament ma laqtitux. Illi l-agir tal-appellanti kien qiehed attiv u mhux passiv u kien ghalhekk li l-ufficcjali tal-pulizija intervjenew sabiex jipprovaw jirresistu l-azzjonijiet illeciti taghha. M'hemmx dubbjuli dak li ghamlet l-appellant kien dirett lejn ufficcjali tal- korp waqt li kienu qed jaqdmu dmirijeithom u jipprovaw jaghtu ghajnuna lilha stess. Dan ir-reat ghalhekk jirrizulta ukoll ben provat kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

It-tielet aggravju tal-appellanti hu dirett lejn is-sitt akkuza u coe dik ta' kagunar ta' ferita hafifa kif dispost fl-artikolu 221(1) tal-kodici kriminali. Hawnhekk l-appellanti tghid li dan ir-reat ma jsitax jirrizulta ghaliex fil-fatt ma kienx kagunar attwali ta' ferita izda semmai attentat ta' ferita. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tossx li hemm wisq x jinghad f'dan ir-rigward statne li l-appellanti stess ma cahditx il-kontenut ta' dan ic-certifikat mediku esbit fl-atti a fol 3 fejn hemm imnizzel is-segwenti. Illi Dr. Clive Gauci kien esamina lil Jessica Degiorgio ( WOC 336) fic-centru tas-sahha ta' Bormla nhar it-18

[8] fil-Programma, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744

ta' Dicemrbu 2016 fis-13.35p.m u sab li kellha "hmura fuq is-sebgha l-kbir tax-xellug u hmura u ftit nefha madwar l-irkoppa tax-xellug" u iddeskriva il feriti bhala ta' natura hafifa salv kumplikazjonijeit u ghalhekk fid-dawl ta' dak deskritt jirrizulta b'mod sodisfacenti li in effetti WPC 336 Degiorgio sofriet feriti ta' natura hafifa kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

Rigward ir-raba' aggravju u cioe' dak li kien kontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali u cioe ingurja jirrizulta li ilum dan ir-reat m ghadux jifforma parti mil-legislazzjoni nsotrana stante li gie kancellat b'Att Xi tas-Sena 2018 u ghalhekk in vista' u in ommagg mal-principju *nullum crimine sine lega* din il-Qorti ma tistax issib htija f'dan ir rigward.

Rigward il-hames aggravju u cioe' dak rigward il-kontravenzjonijeit kontemplati fl-artikolu 338 (ee) u 338 (ff) l-appellanti tiddikajraw li verament jirrizultaw pero' ma inghatatx il-piena konsonanti ma dawn il-kontravenzjonijiet u tenendo kont li l-appellanti giet misjuba hatja ta' reati iktar gravi dawn kellhom jigi komprizi u involuti u fil-fatt ma gewx.

Dwar dan jinghad li l-kontravenzjoni kif kontemplata fl-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 u cioe' li naqset li tobdi l-ordni moghtija legittima moghtija lilha minn diversi ufficcjali tal- pulizja jinghad li din verament hija involuta u kompriza fir-reat kontemplat fl-artikolu 95 u ghalhekk ghandu jkkun hemm assorbiment fil-piena. Fir-rigward tal-kontravenzjoni 338 (ff) imsemmija fl-ewwel akkuza l-istess ma jistax jingahd u dan ghaliex hija kontravenzjoni kontra l-amminsitrazzjoni tal-gustizzja u mhiex kompriza u involuta f'reati ohra.

Fir-rigward is-sitt aggravju u cioe li r-reat kif kontemplat fl-artikolu 342 ma japplikax ghaliex jirreferi ghall-kontravenzjoni kif kontemplat fl-artikolu 338 (bb) li l-appellanti ma gietx akkuzat bih jinghad is- segwenti:-

Dan l-artikolu jipprovdi dak li gej:-

*"Fil-każ tal-kontravvenzjoni taħt l-artikolu 338(bb), metatkun tikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagħa, l-inqas pienali tista' tingħata ma għandha tkun qatt inqas minn ammenda ta'ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u l-ikbar piena tista'tkun priġunerija għal żmien tliet xhur - bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb"*

Ghalhekk minnufih jirrizulta li dan mhux xi reat *ut sic* izda huwa disposizjoni tal-ligi li tipprovdi ghal-piena li ghandha tinghata f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-akkuza kontravenzjonali ta' dagha. Issa fil-kaz in desamina kien skorett l-avukat tal-appellanti meta qal li l-appellanti ma gietx akkuzat bil-kontravenzjoni kif disposta fl-artikolu 338 (bb) tal-kodici kriminali ghaliex fil-fatt fit-tieni akkuza l-appellanti giet akkuzata li volontarjmanet qalet kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku. Illi ghalhekk in vista ta' dak li gie imfisser aktar 'l fuq mhemmx dubbju li l-appellanti daghat fil-pubbliku u ghalhekk stante li instabet hatja ta' dik il-kontravenzjoni mill-ewwel Qorti , l-ewwel Qorti kellha kull dritt anzi dover li tapplilka d-disposizjoni tal-artikolu 342 tal-Kap 9 fir rigward tal-piena.

Fir-rigward tas-sebgha aggravju l-appellanti tappella ukoll mill-piena inflitta u tghid li kienet wahda eccessiva stante l-vulnerabilita' taghha u li hija vittma passiva tikumbatti il-problema tal-vizju mishut tax-xorb u ghalhekk forsi ikun ahjar fil-fehma taghha li tinghata Ordni ta' Trattament.

Illi f'dan ir-rigward, jinghad din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb**[9]' :

*'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt.* (Ara. "**Ir-**

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)

**Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[10]" , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[11]" u ohrajn.)'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi**[12]**'** : il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*' *Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li* '*stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.*'

Fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**[13] inghad ukoll li , "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[14]" "*Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena*). (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard**[15]" )"

Illi ghalhekk din il-Qorti m'hix disposta tbiddel il-piena salv jekk ma jirrizultax li ser ikun hemm tibdil fir-rigward tal-htija jew jekk ma hemmx xi cirkostanza specjali li l-ewwel Qorti ma tkunx hadet nota taghha.

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Gunju, 1999 .
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' April, 2003.
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Marzu, 2009.
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri nhar is-26 ta' Frar, 2009.
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri nhar l-20 ta' Marzu ,2009.

F'dan il-kaz jidher li l-appellanti instabet hatja tal-akkuzi kollha u cioe' tad-disgha akuzi li inghataw mill-prosekuzzjoni u giet ikkundannata sena prigunerija u multa ta' hamest elef euro ( €5,000). Illi pero' din il-Qorti kif espremiet ruha aktar 'l fuq mhux qed issib lill-appellanti hatja tal-akkuza ta' recidiva u qed tilliberaha minnha, mhux qed issibha hatja tal-hames akkuza u cioe' tal-ingurja stante li din l-akkuza illum ma tifformax parti mill-ligi nostrana u ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali akkuza u qed tiddikajra li l-akkuza numru sebgha il-kontravenzjoni ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 hija assorbita u involuta fir-raba' akkzua u cioe dik ta' oltragg u ghalhekk ser tordna temperament fil-piena.

Il-Qorti pero' ma thssox li l-fatt li l-appellanti ghandha problema ta' xorb eccessiv hija raguni ghaliex ghandha tnaqqas il-piena inflitta u dan ghaliex l-appellanti qed tirrifjuta li tghin lilha innifisha kif stqarret l-istess ufficcjal ta- probation u trid tkompli ghaddejja f'din il-hajja ta' disperazzjoni. Din il-Qorti dejjem ghenet min deher quddiemha b'xi problema socjali meta rat ir-riedha li dak li jkun qed jghin ruhu u qed ighamel sforz biex ibiddel hajtu pero' f'dan il-kaz l-appellanti qed tippersisti li tibqa' tghix il-hajja taghha.

Ghalhekk din il-Qorti qeidgha tilqa' l-appell *in parte* billi qed tiddikajra li qed tilqa' l-aggravju tal-appellant li ma ssibx htija fir-rigward tal-akkuza ta' recidiva u qeda tilliberaha minha, tal-aggravju lli ma ssibhiex hatja tal-hames akkuza u cioe' dik tal-ingurja u fil-fatt qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali akkuza in omagg mal-principu ta' *nullum crimen sine lege*, qeda tilqa' l-aggravju tal-assorbiment tas-seba' akkuza fir-raba' akkuza pero qed tichdu fir-rigward tal-aggravji kollha l-ohra.

Il-Qorti ghalhekk ser tordna li jkun hemm temperament fil-piena bili qieghda tnaqqas il-piena ta' prigunerija inflitta min tnax-il xahar ghal **tmien xhur** pero' qed izomm ferm il-multa inflitta ta' **hames elef euro ( €5,000)** u dan ghaliex din il-Qorti ma hiex ser taccetta li jsiru reati kontra ufficcjali pubblici u taht il-pretiza ghax dak li jkun kien fis-sakra qisu ma sar xejn.

Il-Qorti tordna li l-multa inflitta tithallas f'rati mensili ta' €140 u dan ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta sabiex b'hekk il-multa inflitta tithallas fiz-zmien massimu moghti fil-ligi ta' tlett (3) snin.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur